A.L. 12 ta' 2001

ATT BIEX IĦARES L-AMBJENT
(KAP. 348)

Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3, 6, 32, 33, 48 u 49 ta' l-Att biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, bi ftehim mal-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar. Titolu.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Avviż tal-Gvern Nru. 269 tad-19 ta' Lulju, 1933, dwar Lista ta' siġar storiċi li għandhom importanza storika, tar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Protezzjoni ta' Siġar Koniferi, pubblikat bl-Avviż tal-Gvern Nru. 328 tal-25 ta' Mejju, 1949 (L.S. 10.22), u ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, huwa b'dan dikjarat li:— Dikjarazzjoni ta' flora protetta. Kap. 356.

(a) l-ispeċi ta' siġar li jidhru fl-Iskedi I, II u III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti huma protetti; u

(b) is-siġar li jinstabu fl-inħawi elenkati fl-Iskeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti huma protetti.

3. Huwa b'dan dikjarat li l-inħawi msemmija fl-Iskeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti huma riservi naturali. Dikjarazzjoni ta' riservi naturali.

4. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta ta' kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:— Tifsir.

"Att" tfisser l-Att biex Iħares l-Ambjent;

"binja" tfisser kull struttura mibnija bil-permess u skond il-liġi, u ma tinkludix ġonna, għelieqi jew wesgħat miftuħa oħra li jdawruha, anke jekk dawn ikunu parti mill-istess proprjetà;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent taħt it-tmexxija tad-Direttur;

"Direttur" tfisser id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent bħala dak l-uffiċjal li jiġi delegat skond il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att biex ikun responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent, u li jiġi delegat għall-kontroll, direzzjoni u amministrazzjoni tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, u tinkludi kull uffiċjal fid-Dipartiment tiegħu li jaġixxi f'ismu, u għall-finijiet ta' kull regolament magħmul bis-saħħa ta' l-Att, il-frażi "Direttur responsabbli għall-Ambjent" jew kull espressjoni oħra bħalha, u l-frażi "Uffiċjal responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent" fl-Att, jitqiesu li għandhom l-istess tifsira bħal Direttur f'dawn ir-regolamenti;

"identità bijoloġika" tfisser il-varjabilità li teżisti qalb l-organiżmi ħajjin kollha li jeżistu fl-għejun kollha, fost l-oħrajn dawk li jgħixu fuq l-art, fil-baħar, f'ekosistemi akwatiċi u f'ekosistemi oħra, u f'kumplessi ekoloġiċi oħra li minnhom jiffurmaw parti; din tinkludi wkoll id-diversità fll-ispeċi, bejn l-ispeċi, u fl-ekosistemi tagħhom;

"intervent kirurġiku" tfisser kull kura meħtieġa biex teħles siġra mill-mard jew minn ħsara mekkanika, tnaqqija, kif ukoll kura simili li tkun meħtieġa biex tipprevjeni iktar ħsara fuq siġra li diġà għandha xi ħsara;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija;

"maniġġar" tfisser iż-żabra jew trimjar ta' siġar imkabbra ortikulturalment, li jista' jsir biss mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura;

"masġar" tfisser dawk l-inħawi fejn jikbru mhux anqas minn għoxrin siġra, sew jekk dawn jikbru b'mod naturali, sew jekk ikunu tħawlu, kemm fuq art pubblika kemm fuq art privata;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"persuna" tfisser kull persuna, sew naturali sew ġuridika, korporata jew mhix korporata, u tinkludi kull persuna li tkun qed taġixxi f'isimha jew taħt xi istruzzjonijiet ta' min iħaddimha, ta' mgħallem jew sid;

"qrib xi siġra" tfisser ħames metri 'l boghod miċ-ċirkomferenza ta' djul is-siġra;

"rekwiżiti għat-tipjip", "sigaretti" u "tabakk" għandhom l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilhom fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk;

"riservi naturali" huma dawk l-inħawi li hemm elenkati fl-Iskeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"sid" tfisser sew is-sid dirett sew kull persuna li jkollha titolu ta' kiri, enfitewsi jew kull għamla oħra ta' pussess, jew kemm is-sid tal-proprjetà u tat-titolu flimkien, solidalment jew separatament;

"siġra" tfisser siġra jew arbuxxel f'kull stadju ta' żvilupp, u tinkludi pjanti li għandhom nisġa ta' zokk tal-għuda.

Drittijiet amministrattivi u eżekuttivi.

5. (1) Id-Direttur b'konsultazzjoni mad-direttur responsabbli mill-agrikoltura, huwa responsabbli għall-amministrazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-Direttur għandu dawk id-drittijiet kollha li huma elenkati fl-artikolu 49 ta' l-Att.

(3) Il-Ministru, jew kull min jiddelega minfloku, jista', f'kull żmien jordna lill-Kummissarju biex jieħu dawk il-passi immedjati li jkun hemm bżonn biex iwaqqaf xi persuna milli tikser dawn ir-regolamenti.

Ħsara lis-siġar.

6. Ebda persuna ma tista' twaqqa' jew tipprova twaqqa', taqta' jew tipprova taqta', tneħħi jew tipprova tneħħi l-qoxra tas-siġra jew partijiet tagħha, tneħħi jew tipprova tneħħi il-weraq tas-siġra, taqla' jew tipprova taqla' l-għeruq, tneħħi jew tipprova tneħħi l-injam, twaħħal jew tipprova twaħħal xi ħaġa ma', jew bi kwalunkwe mod teqred jew tipprova teqred, tagħmel ħsara jew tipprova tagħmel ħsara, lil xi siġra jew xi partijiet tagħha li hija elenkata fl-Iskedi I, II u III u ta' xi siġra jew partijiet tagħha li tinsab fl-inħawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, ħlief għal raġunijiet ta' maniġġar jew ta' intervent kirurġiku mwettqa mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati:

Iżda t-tqaċċit ta' weraq ma japplikax għal siġar li huma elenkati fi Skedi II u III.

Tfigħ ta' materjal.

7. (1) Ebda persuna ma tista' tpoġġi jew tipprova tpoġġi, titfa' jew tipprova titfa', tferra' jew tipprova tferra', thalli jaqa' jew jasal jew tipprova thalli jaqa' jew jasal xi karburanti, velenu, aċtu, erbiċida, defoljanti, pestiċidi jew xi kimika jew sustanza oħra qrib xi siġra li tidher fl-Iskedi I, II u III jew qrib xi siġra li tinsab fl-inħawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, li jista' jikkawża ħsara lis-siġra, għajr għal ilma mhux kontaminat għal skopijiet ta' tisqija u sustanzi għall-kura tas-siġar u ta' għelieqi maħduma:

Iżda d-Direttur jista' jawtorizza l-użu ta' sustanzi jew trattameni oħra għall-interventi kirurġiċi, li fil-fehma tad-Direttur ikunu meħtieġa.

(2) Ebda persuna ma' tista' tpoġġi, tipprova tpoġġi, jew tħalli lil min ipoġġi xi *tyre*, lastiku, *polystyrene*, karti jew xi materjal ieħor li jaqbad qrib xi siġra elenkata fl-Iskedi I, II u III jew qrib xi siġra li tinsab fl-inħawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Ebda persuna ma tista' tordom jew tipprova tordom, tpoġġi jew tipprova tpoġġi xi ħamrija, demel, skart, żibel, ġebel, terrapien, metall tal-iskrapp jew xi għamla oħra ta' skart qrib xi siġra, li hi elenkata fl-Iskedi I, II jew III jew qrib xi siġra li tinsab fl-inħawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

(4) Ebda persuna ma tista' tieħu parti f'azzjoni jew tipprova tieħu parti f'azzjoni, jew tagixxi b'tali mod li, fil-fehma tad-Direttur tista' tkun ta' ħsara għall-identità bijoloġika, jew għal xi siġra elenkata fl-Iskedi I, II, III, jew għal xi siġra li tinsab fl-inħawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

(5) L-inħawi elenkati fi Skeda IV jibqgħu imħarsa minkejja l-każ li xi siġra li tinsab fl-inħawi elenkati fi Skeda IV tinqered jew tmut.

Qlugħ ta' siġar mill-għeruq.

8. (1) Kull persuna li tixtieq taqla' xi siġra elenkata fl-Iskedi I, II u III jew għal xi siġra li tinsab fl-inħawi elenkati fl-Iskeda IV għandha bżonn liċenzja li tinkiseb minn qabel mid-Dipartiment, b'dan illi tkun ġabet minn qabel l-approvazzjoni meħtieġa mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

(2) Din il-liċenzja trid tiġi mwaħħla fuq il-post, u mhux mas-siġra, għal mill-inqas tlett ġimgħat żmien qabel il-qlugħ mill-għeruq tas-siġra msemmija.

(3) Waqt l-operazzjoni tal-qlugħ tas-siġra mill-għeruq, kopja tal-liċenzja trid tinżamm fuq persuna li tkun preżenti fuq il-post waqt il-qlugħ tas-siġra.

(4) L-applikazzjoni għall-qlugħ mill-għeruq ta' xi siġra li tinsab f'inħawi elenkati fi Skeda IV ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi ippubblikata fil-Gazzetta mill-inqas tliet ġimgħat qabel tingħata l-liċenzja.

Thawwil mill-ġdid ta' siġar.

9. Il-Ministru jista', għal raġunijiet ta' saħħa pubblika jew sigurtà pubblika, jew għal kull skop xjentifiku, jawtorizza li jittieħdu partijiet jew li tinqala' mill-għeruq jew tinqered siġra li tkun elenkata fl-Iskedi I, II u III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, iżda bil-kondizzjoni li bħala regola ġenerali l-Ministru għandu jordna li fejn hu teknikament prattiku u possibbli, is-siġra tinqala' mill-għeruq u titħawwel band' oħra. F'dawn il-każijiet il-Ministru jitlob illi l-qlugħ mill-għeruq u l-qerda ta' xi siġra, kif ukoll it-trasport u t-thawwil mill-ġdid tagħha, għandu jsir minn persuni li, fil-fehma tiegħu, jistgħu ikunu tas-sengħa f'dan il-qasam.

Speċi ta' siġar invażivi.

10. (1) Sabiex ikompli jħares is-siġar protetti msemmija fl-Iskedi I, II u III u dawk is-siġar li jinsabu fl-inħawi elenkati fi Skeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista' jippubblika lista ta' speċi ta' siġar invażivi kif hemm fl-Iskeda V li tinsab ma' dawn ir-regolametni, li ħadd ma jista' jnissel, jiżra, jħawwel jew ibiegħ ġewwa Malta.

(2) Id-Direttur jista' jieħu passi biex jinqalgħu siġar elenkati fi Skeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Ordni għall-Ħarsien ta' Siġra.

11. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 46, 47 u 48 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u tal-*policy* RCO 33 tal-Pjan ta' l-Istruttura, il-Ministru jista' jagħmel Ordni għall-Ħarsien ta' Siġra biex jiġu mħarsa xi siġra individwali jew xi grupp ta' siġar, ikoll speċifikati, ta' interess estetiku, storiku, kulturali, arborikulturali, jew xjentifiku, biex dawn ikunu mħarsa minn kull qlugħ mill-għeruq, qerda, jew ħsara, u biex jiġu regolati kull attività oħra li tista' tagħmlilhom ħsara jew toqtolhom, sew jekk dawk is-siġar ikunu jikbru fis-selvaġġ, f'wesgħat u ġonna pubbliċi jew wesgħat oħra, sew jekk fuq art privata.

Nar f'masġar.

12. Kull persuna li mingħajr permess tqabbad jew tipprova tqabbad xi nar f'xi masġar, jew qrib xi siġra li hija elenkata fl-Iskedi I, II u III jew f'wieħed mill-inħawi msemmija fi Skeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti jew tqabbad xi nar bħala riżultat t'a l-użu imprudneti jew negliġenti ta' rekwiżiti għat-tipjip, sigaretti, tabakk, logħob tan-nar, jew ta' xi materjal ieħor li jaqbad, jew tonqos li tieħu prekawzjonijiet xierqa f'dan ir-rigward, tkun ħatja ta' reat:

Iżda d-dispożizzjoni ta' dan ir-regolament, ma tapplikawx għal —

(a) persuna li tqabbad huġġieġa kontrollata bil-kunsens mogħti bil-miktub mid-Direttur; jew

(b) persuna li, għax tagħmel użu minn binja li tkun ġewwa żona ta' masġar jew f'distanza ta' 500 metru mit-tarf tiegħu, tqabbad nar kontrollat f'din id-dar għall-użu domestiku tagħha; jew

(ċ) persuna li, għax tagħmel użu minn raba' maħduma li jkunu ġewwa żona ta' masġar, tqabbad nar li tista' tikkontrolla f'dan ir-raba'.

Bhejjem jirgħu f'żoni ta' masġar.

13. (1) Ebda persuna m'għandha tħalli jew tipprova tħalli annimali li, meta jkunu qegħdin jirgħu, jagħmlu ħsara lil xi siġra msemmija fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Ebda persuna m'għandha tħalli jew tipprova tħalli bhejjem jirgħu fl-inħawi elenkati fi Skeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Is-sid ta' xi bhima li jagħmel il-ħsara jista' jiġi ordnat iħallas għall-ħsara kaġunata skond ma tista' tiddeċiedi l-Qorti. Jekk il-bhima tkun ta' aktar minn sid wieħed, is-sidien kollha jistgħu jiġu ordnati biex solidalment iħallsu kumpens għall-ħsara kkawżata mill-bhima.

Identità bioloġika.

14. Id-Direttur jista' jwaqqaf l-importazzjoni ta' siġar li fil-fehma tiegħu tista' tpoġġi fil-periklu l-identità bioloġika ta' Malta, jew għal raġunijiet oħra fl-interess nazzjonali.

Reati u pieni.

15. Kull persuna —

(a) li tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' xi ordni oħra leġittimament mogħtija bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew

(b) li tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew ħtieġa imposta minn jew bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, jew

(ċ) li taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew

(d) li tiftiehem jew tipprova tiftiehem, tgħin jew tipprova tgħin, tħajjar jew tipprova tħajjar, tagħti parir jew tipprova tagħti parir, tqabbad jew tipprova tqabbad lil xi persuna oħra biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew biex

tonqos milli tikkonforma ma' xi wieħed minn dawn id-dispożizzjonijiet, inkluż xi ordni leġittimament mogħtija bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn dawn ir-regolamenti jew bis-saħħa tagħhom,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li tagħmel, jew tipprova tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti, tieħel, meta tinstab ħatja:—

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fit-Taqsima A ta' l-Iskeda I u siġar li jinsabu fl-inħawi elenkati fi Skeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, multa ta' mhux anqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm1,000 għal kull siġra ta' taħt l-għaxar snin fl-età;

(b) fil-każ ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fit-Taqsima A ta' l-Iskeda I u siġar li jinsabu fl-inħawi elenkati fi Skeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, multa ta' mhux anqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm10,000 għal kull siġra ta' aktar minn għaxar snin fl-età;

(ċ) fil-każ ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fit-Taqsima B ta'l-Iskeda I u fl-Iskedi II u III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, multa ta' mhux anqas minn Lm100 iżda mhux aktar minn Lm1,000 għal kull siġra ta' taħt l-għaxar snin fl-età;

(d) fil-każ ta' l-ewwel reat rigward siġar li huma elenkati fit-Taqsima B ta' l-Iskeda I u fl-Iskedi II u III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, multa ta' mhux anqas minn Lm150 iżda mhux aktar minn Lm10,000 għal kull siġra ta' aktar minn għaxar snin fl-età; u

(e) fil-każ tat-tieni jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn Lm200 iżda mhux aktar minn Lm20,000 għal kull siġra, jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw fil-proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jikseb liċenzja, permess jew awtorità ma għandhom fl-ebda każ ikunu għal inqas minn sena.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċedimenti dwar reat li jikser dawn ir-regolamenti, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom ikunu skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem jedd li jagħmel appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti rigward reati bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.

SKEDA I

SIĠAR IMĦARSA STRETTAMENT

Taqsima A

GIMNOSPERMI

Isem Xjentifiku	*Isem bil-Malti*	*Isem bl-Ingliż*
Ephedra fragilis	Efedra	Shrubby Horsetail/Joint Pine
Tetraclinis articulata	Għargħar	Arar Tree /Sandarac Gum Tree/Alerce.

ANĠJOSPERMI

Isem xjentifiku	*Isem bil-Malti*	*Isem bl-Ingliż*
Anagyris foetida	Fula tal-Klieb	Bean Trefoil Tree
Cercis siliquastrum	Siġra ta' Ġuda /Ħarrub ta' Ġuda	Judas Tree /Mediterranean Redbud
Chamaerops humilis	Ġummar Safrani /Ġummara	Dwarf Fan Palm
Crataegus azarolus	Għanżalor	Azarole/Crete Hawthorn
Crataegus monogyna	Żagħrun	Whithorn /Common Hawthorn
Crataegus x ruscinonensis	Għanżalor Selvaġġ	Hybrid Hawthorn
Darniella melitensis	Siġra tal-Irmied/Xebb	Maltese Salt Tree
Fraxinus angustifolia	Fraxxnu /Siġra tal-Paċenzja	Narrow-Leaved Ash
Lycium europaeum	Għawseġ	Mediterranean Tea-Tree /Mediterranean Boxthorn
Lycium intricatum	Għawseġ	Southern Tea-Tree /Southern Boxthorn
Mespilus germanica	Omm il-Epp /Fomm il-Lipp/Naspli Tedeski	Medlar
Myrtus communis	Riħan	Myrtle
Paliurus spina-christi	Xewk tal-Kuruna/ta' Kristu	Christ's Thorn
Periploca angustifolia	Siġret il-Ħarir	African Wolfbane
Phillyrea latifolia	Fillirja	Mock Privet/Jasmine Box
Phillyrea media	Fillirja	Mock Privet/Jasmine Box
Pistacia x saportae	Deru Bagħal	Hybrid Mastic Tree
Pistacia terebinthus	Skornabekk	Terebinth/Turpentine Tree
Populus alba	Luqa	White Poplar
Prunus spinosa	Prajn tax-Xewk	Sloe/Blackthorn

Isem Xjentifiku	*Isem bil-Malti*	*Isem bl-Ingliż*
Pyrus cf. *amygdaliformis*		
[= *Pyrus* cf. *spinosus*]	Langas Selvaġġ	Almond-Leaved Pear
Pyrus pyraster	Langas Bagħal	
	/Langas Selvaġġ	Wild Pear
Quercus ilex	Balluta/Siġra tal-Ġandar	Holm Oak/Evergreen Oak
Rhamnus alaternus	Alaternu	Mediterranean Buckthorn
Rhamnus oleoides	Żiju	Lesser Buckthorn
		/Olive-Leaved Buckthorn
Rhus coriaria	Xumakk tal-Konz	Common Sumach
Salix alba	Żafżafa l-Kbira	White Willow
Salix pedicellata	Żafżafa ż-Żgħira	Mediterranean Willow
Sambucus ebulus	Nittiena/Sebuqa Selvaġġa	Dwarf Elder
Sambucus nigra	Sambuka/Sebuqa l-Kbira	Common Elder
Spartium junceum	Ġenista s-Safra	Spanish Broom
Tamarix africana	Bruka	African Tamarisk
Tamarix spp.	Bruk	Tamarisks
Ulmus canescens	Nemmiesa	Hoary Elm
[= *Ulmus minor* ssp. *canescens*]	/Siġra tan-Nemus	/Grey-Leaved Elm
Ulmus minor	Ulmu	Common Elm
[= *Ulmus minor* ssp. *minor*]		
Ulmus procera	Ulmu	English Elm
Vitex agnus-castus	Virga/Siġra tal-Virgi	Chaste Tree
	/Għadiba/Bżar tal-Patrijiet	/Virgin Bush.

Taqsima B

GIMNOSPERMI

Isem Xjentifiku	*Isem bil-Malti*	*Isem bl-Ingliż*
Cupressus sempervirens	Ċipress	Italian Cypress
		/Mediterranean Cypress
Juniperus phoenicea	Ġniepru/Ġnibru	Phoenician Juniper
Pinus brutia	Żnuber il-Ħamra	Brutia Pine
	/Żnuber tal-Lvant	/Calabrian Pine
Pinus halepensis	Żnuber/Siġra tal-Prinjol	Aleppo Pine
	/Siġra ta' l-Arżnu	/Jerusalem Pine
Pinus pinea	Żnuber ta' l-Ikel	Stone Pine
	/Żnuber ta' l-Umbrella	/Umbrella Pine

GIMNOSPERMI

Isem Xjentifiku	*Isem bil-Malti*	*Isem bl-Ingliż*
Celtis australis	Bagular	Nettle Tree
Pistacia lentiscus	Deru/Deluwa	Lentisk/Mastic Tree
Quercus robur	Balluta Ingliża	English Oak
	/Siġra tar-Ruvlu	/Pedunculate Oak
Viburnum tinus	Viburnum	Laurustinus

SKEDA II

SIĠAR IMHARSA

ANĠJOSPERMI

Isem Xjentifiku	*Isem bil-Malti*	*Isem bl-Ingliż*
Ceratonia siliqua	Ħarruba	Carob Tree
Laurus nobilis	Randa	Bay Laurel/Sweet Bay
Morus alba	Ċawsli	White Mulberry
Morus nigra	Tuta	Black Mulberry
Olea europaea sensu lato	Żebbuġa	Olive
Phoenix dactylifera	Palma tat-Tamar	Date Palm
Punica granatum	Rummiena /Siġra tal-Bullar	Pomegranate
Ziziphus zizyphus [= *Ziziphus jujuba*]	Żinżel	Jujube.

SKEDA III

SIĠAR IMHARSA

Dawk is-siġar kollha li għandhom 'il fuq minn 50 sena li

* m'humiex imkabbra fl-Iskeda V;
* ma jkunux qegħdin jagħmlu ħsara lill-identità bioloġika tas-siġar elenkati fi Skedi I u II.

SKEDA IV

ŻONI PROTETTI

(a) Żoni Protetti f'Malta

* Wied il-Miżieb u Il-Wied tax-Xaqrani (fil-limiti tal-Mellieħa)
* Il-Wied ta' l-Imġiebaħ (fil-limiti tal-Mellieħa)
* Il-Ballut (fil-Wardija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar)
* Parti minn Wied ir-Rum (fil-limiti ta' Had-Dingli)
* Wied Ħażrun (fil-limiti ta' Had-Dingli)
* Ta' Baldu (fil-limiti ta' Had-Dingli)
* Ġnien il-Kbir (fil-limiti tar-Rabat u s-Siġġiewi)

* Il-Buskett (fil-limiti tar-Rabat, is-Siġġiewi u Had-Dingli)
* Wied il-Girgenti (fil-limiti tas-Siġġiewi)
* Il-Wied ta' l-Imtaħleb u Wied Markozz (fl-Mtaħleb, fil-limiti tar-Rabat)
* Wied il-Ħut (fl-Mtaħleb, fil-limiti tar-Rabat)
* Wied Gerżuma u Wied il-Baħrija (fil-limiti tal-Baħrija)
* Il-Maqluba (fil-limiti tal-Qrendi)
* Wied il-Baruni (fil-limiti ta' Marsaskala)
* Wied Żembaq (fil-limiti ta' Birżebbuġa)
* Wied Moqbol (fil-limiti taż-Żurrieq)
* L-inħawi ta' bejn Wied ta' l-Arkata u Ta' Sparati (fil-Bidnija, fil-limiti tal-Mosta/San Pawl il-Baħar)
* Parti minn Wied il-Għasel (fil-limiti tal-Mosta)
* Wied Għollieqa (fil-limiti ta' San Ġwann)
* Wied Qirda (fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ)
* Wied Bloq (fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ/Ħal-Qormi)
* Wied Anġlu (fil-limiti ta' Ħal-Għargħur/Naxxar)
* L-inħawi ta' San Pawl tat-Tarġa (fil-limiti tan-Naxxar/Ħal-Għargħur)

(b) Żoni Protetti f'Għawdex

* Ta' Lambert (fil-limiti tax-Xewkija)
* L-inħawi ta' bejn Għajn Damma u Pergla (fil-limiti tax-Xagħra)
* Wied San Blas u Wied Binġemma (fil-limiti tan-Nadur)
* Il-Qawra (parti mid-Dwejra, fil-limiti ta' San Lawrenz)

(ċ) Żoni Protetti f'Kemmuna

* L-inħawi ta' Il-Ħażina
* Il-Qala ta' Santa Marija

SKEDA V

SPEĊI INVAŻIVI JEW TA' ĦSARA GĦALL-AMBJENT

Isem xjentifiku	*Isem bil-Malti*	*Isem bl-Ingliż*
Acacia saligna	Akaċja	Blue-Leaved Wattle /Blue-Leaved Acacia
Acacia karroo	Akaċja tax-Xewk	Kangaroo Thorn
Ailanthus altissima [= *Ailanthus glandulosa*]	Xumakk /Xumakk Falz	Tree-of-Heaven
Albizzia lebbek	Albizzja	Siris Tree
Ricinus communis	Riġnu	Castor Oil Tree
Schinus terebinthifolius	Siġra tal-Bżar	Brazilian Pepper